


# L-10 LAQGĦA TAL-UE TA' PERSUNI LI JBAGĦTU L-FAQAR
## 13 u 14 ta' Mejju 2011 Palazz Egmont, Brussell

# IMPJIEG, XOGĦOL, ĦIDMA
## Ir-realta' għall-persuni li qed ibagħtu l-faqar u l-esklużżjoni soċjali

Taħt il-Presidenza Ungeriża ta' l-Unjoni Ewropea
Megħjuna mill-Kummissjoni Ewropea
Organizzata bl-assistenza tal-European Anti Poverty Network–EAPN
Milqugħa mill-Gvern Belġjan fil-Palazz Egmont, Brussell

## Introduzzjoni

Dan huwa rapport fil-qosor tal-10 Laqgħa Ewropea ta' persuni li qed ibagħtu l-faqar. Rapport sħieħ bir-ritratti ta' 10 Laqgħa Ewropea tinsab fuq il-websajt tal-EAPN **www.eapn.eu.**

Waqtiet importanti matul l-10 Laqgħa Ewropea nkludiet: id-diskorsi li saru fil-ftuħ miċ-Ċer, is-Sur Ċsaba ORY, MEP u s-Sur Zoltan BALOG, Ministru tal-Istat Ungeriż għall-Inklużżjoni Soċjali, d-diskors indirizzat lill-parteċipanti mis-Sur Làzlo ANDOR, Kummissarju Ewropew għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inkluzzjoni, t-tħabbir tal-11 l-Laqgħa Ewropea li jmiss li sar mis-Sur Poul Skytte ĊHRISTOFFERSEN, Ambaxxatur Daniż f'isem il-Presidenza Ewropea Daniża, kif ukoll il-messaġġ mogħti minn wieħed mid-delegati tad-9 Laqgħa Ewropea, s-Sur Leif JENSEN.

L-10 Laqgħa Ewropea kienet ukoll opportunita' għas-Sinjura Antonia CARPARELLI tal-Kummissjoni Ewropea, s-Sinjura Jean LAMBERT, Membru tal-Parlament Ewropew, s-Sur Ludo HOREMANS u s-Sur Fintan FARRELL (EAPN) sabiex jirrapurtaw x'ġara mir-rakkomandazzjonjiet tal-laqgħat preċedenti. Kien hemm l-opportunita' għad-delegati li jsaqsu mistoqsijiet u jippreżentaw kummenti fuq dawn ir-rapporti. Ir-riżultati tar-riċerka fuq l-impatt tal-Laqgħat Ewropej li saru kienu wkoll ippreżentati mis-Sinjura Danielle DIERĊKX mill-Universita' ta' Antwerp (Belġju).

Il-parteċipanti sostnew l-importanza tal-preżentazzjonijiet kreattivi fuq it-tema ta' "Impjiegi, xogħol u ħidma" li ġew ippreżentati mid-delegazzjonijiet tal-10 laqgħa billi ntużaw metodi bħal ma' huma teatru bla kliem, filmati, video u preżentazzjonjiet powerpoint. Dawn il-preżentazzjonijiet kreattivi wrew id-diversita' u x-xebħ tas-sitwazzjonijiet tal-istati membri fl-Unjoni Ewropea, li persuni li jgħixu fil-faqar jiffaċċjaw waqt li qegħdin ifittxu xogħol deċenti

Diskussjoni u tibdil ta' fehmiet kienu mportanti waqt il-workshops u r-riżultati li ħarġu minnhom ġew ippreżentati fil-qosor fis-Sezzjoni Plenarja mid-delegati u minn xi ħadd mill-mistednin. Is-Sinjura Antonia CARPARELLI (Kummissjoni Ewropea), is-Sur Mik Wooley, Ċer tal-Kumitat tal-Impjieg, is-Sinjura Estelle CEULEMANS (ETUC) u s-Sinjura Rebekah SMITH (Business Europe) irriflettew fuq ir-riżultati tad-diskussjonijiet li ħarġu mill-workshops u ppreżentaw analiżi differenti dwar l-impjieg, xogħol u ħidma, qabel ma' l-parteċipanti kellhom l-opportunita' li jiddibattu mal-kelliema u jsostnu xi messaġġi mportanti ta' proposti.

## Ewropa 2020 ser tagħmel differenza?

**'Impjieg, xogħol u ħidma: ir-realta' għall-persuni li qed ibatu l-faqar u l-esklużżjoni soċjali'** kienet it-tema ta' l-għaxar laqgħa Ewropea ta' persuni li qed ibatu l-faqar u l-esklużżjoni soċjali li saret fit-13 u 14 ta' Mejju 2011. Il-laqgħa kienet organizzata mill-Presidenza Ungeriża ta' Unjoni Ewropea, bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea u tal-European Anti Poverty Network u saret fil-Palazz Egmont f'Brussell mill-gvern Belġjan. Bħad-disa' snin ta' qabel, id-delegati kienu persuni li qed ibatu l-faqar u l-eskluzzjoni soċjali u kienu organizzati mid-delegazzjonijiet nazzjonali minn 26 pajjiżi. Parteċipanti oħra fil-laqgħa kienu mistednin li jinkludu persuni li għandhom il-poter li jieħdu deċizzjoni mill-istituzzjonijiet Ewropej (Kummissjoni, Parlament u l-Presidenzi Ewropej attwali u futuri tal-Ungerija, tal-Polonja u tad-Danimarka), korpi nazzjonali u nternazzjonali, l-imsieħba soċjali (European Trade Union Confederation u Business Europe), akkademiċi u organizzazzjonijiet non-governattivi oħra.

Fil-kuntest tal-kriżi li qed tiżdiet, li qed tikkaġuna skarsezza ta' impiegi, benefiċċji soċjali li qed jsiru aktar diffiċli li jingħataw u kwalita' ta' ħajja li qed dittetorja għal ħafna persuni li qed ibatu l-faqar u l-esklużżjoni soċjali, mistoqsija ewlenija għal ħafna minn dawk preżenti kienet jekk il-mekkaniżmu l-ġdid li tpoġġa partikolarment fl-istrateġija ta' Europe 2020, kienitx realment ser tagħmel differenza fil-ħajja tagħhom.

Persuni li qed ibatu l-faqar kellhom l-opportunita' li jfissru punti importanti u li jagħmlu proposti dwar id-diffikultajiet li jsibu mpjieg, xogħol u ħidma. Ta' min jirrifletti l-fatt li għalkemm sar progress fiż-żminijiet riċenti fuq livell

Ewropew (kif ukoll fuq livell nazzjonali), dawn il-persuni huma magħdba għal fatt li f'ħafna każi dan il-progress ma ġiex segwit bl-implimentazzjoni. Iffaċċjati bl-impatt tal-kriżi globali, ma jistgħux jistennew aktar: "persuni li qed ibatu l-faqar qed iħossu l-impatt tal-kriżi iktar mill-banek".

Il-mistiedna li kienu preżenti biex jisimgħu u jitkellmu mad-delegati; kollha riaffermaw l-importanza vitali li persuni li qed ibatu l-faqar għandhom jiġu mismugħa fit-tfassil tal-politika Ewropea.

## Messaġġi ewlenin lill-Kunsill tal-Impjieg, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur mill-10 Laqgħa

It-tema tal-laqgħa annwali kienet "Impjieg, xogħol u ħidma: ir-realta' għall-persuni li qed ibatu l-faqar u l-esklużżjoni soċjali". Fil-kuntest tal-kriżi li qed tiżdiet, li qed tikkaġuna skarsezza ta' impiegi, benefiċċji soċjali li qed isiru aktar diffiċli li jingħataw u l-kwalita' ta' ħajja li qed dittetorja għal ħafna persuni li qed ibatu l-faqar u l-esklużżjoni soċjali, mistoqsija ewlenija għal ħafna minn dawk preżenti kienet jekk il-mekkaniżmu l-ġdid li tpoġġa partikolarment fl-istrateġija ta' Europe 2020, kienitx realment ser tagħmel differenza fil-ħajja tagħhom u dik ta' uliedhom.

Il-Messaġġi Ewlenin ta' persuni li qed ibatu l-faqar kienu:

- Il-bżonn ta' impjiegi ta' kwalita': Jekk ix-xogħol ser ikun il-mezz biex ittaffi l-faqar, allura l-awtoritajiet pubbliċi u l-imsieħba soċjali għandhom jiżguraw li t-tendenża lejn impjiegi ta' kwalita fqira għandha tinbidel u li impjiegi ta' kwalita' b'salarji li tkun tista' tgħix bihom, b'sistemi deċenti ta' protezzjoni soċjali u li xogħol rispettabbli u risponsabilitajiet privati jiġu maħluqa. Impiegi ta' kwalita' fqira għall-persuni fil-faqar m'hijiex is-soluzzjoni.

- In-nuqqas ta' impjiegi: id-delegati ikkonfermaw li persuni li jgħixu fil-faqar iridu jaħdmu iżda r-realta' hija illi hemm iktar nies li jridu jaħdmu milli hemm xogħol għalihom. Il-kriżi waslet għal sitwazzjoni iktar għar. Iffaċċjati minn din ir-realta' m'hijiex għażla għal ħafna nies li jieħdu xogħolijiet minħabba r-riżultat ta' kondizzjonijiet li dejjem jiżdiedu biex jirċievu benefiċċji soċjali. Minħabba n-nuqqas ta' impjegi, persuni għandhom bżonn ta' dħul finanzjarju suffiċjenti biex jgħixu b'dinjita'.

- Sapport biex jinkiseb xogħol: Anke fejn hemm diffikulta' biex jinstab xogħol, sapport personalizzat għandu jiġi pprovdut lill-persuni li jgħixu fil-faqar jew dawk il-persuni li ilhom ħafna mingħajr xogħol, biex jigu megħjuna jsibu xogħol deċenti. Investiment fit-tfulija bikrija, edukazzjoni li tinkludi u mhux tabbanduna lill-dawk il-persuni li jitilqu mill-iskola kmieni fil-ħajja u opportunitajiet għall-persuni fil-faqar biex jiġu esposti għal tagħlim għall-ħajja huwa investiment essenzjali li jżid l-opportunita' għax-xogħol.

- Passi kontra d-diskriminazzjoni: Attenzjoni speċifika giet mogħtija lill-problema ta' diskriminazzjoni u esklużżjoni għal gruppi li jinkludu persuni b'diżabilita', immigranti, priġjunieri li ħarġu mill-ħabs, persuni mingħajr xogħol għal tul twil ta' zmien u r-Roma. L-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, kif ukoll azzjonijiet pożittivi għandhom jiġu mittieħda sabiex jeliminaw l-ostakoli li jiġu kkważati b'din id-diskriminazzjoni. Id-diffikultajiet partikulari li jiġu ffaċċjati min-nisa, li fil-maġġoranza tagħhom għandhom r-risponsabilitajiet ta' kura u spiss jaħdmu f'setturi prekarji u f'impjiegi ta' kwalita fqira, għandhom bżonn attenzjoni speċjali.

- L-implimentazzjoni ta' l-impenji: id-delegati qalu li semgħu ħafna proposti tajbin sabiex jiġġieldu l-faqar f'dawn il-laqgħat u f'oħrajn, bħal ma' huma: il-mira biex jitnaqqas il-faqar, rakkomandazzjoni ta' inklużżjoni attiva fuq dħul minimu adekwat, aċċess għal servizzi essenżjali u sapport biex jinstab xogħol, l-impenn għal strategiji li jindirizzaw persuni li huma bla dar jew il-faqar tat-tfal. Id-delegati għaddew messaġġ ċar li hemm il-bzonn ta' azzjoni reali biex ikunu jistgħu jsegwu u jimplimentaw dan l-impenn. Reggħu sostnew li persuni li qed ibatu l-faqar huma lesti li jidħlu fil-livelli kollha fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet neċessarji.

- Jindirizzaw il-kawzi tal-faqar u mhux biss is-sintomi: id-delegati reggħu sostnew illi s-sistemi ekonomiċi attwali u s-sistemi soċjali għandhom effett fuq l-okkorrenza u l-livelli ta' faqar u kien hemm sejħa ċara lill-istituzzjonijiet politiċi biex jirrispondu billi jikkumbattu l-kawzi tal-faqar u mhux biss is-sintomi.

F'dak li jirrigwarda l-futur, kien hemm sejħa sabiex il-laqgħa annwali għandha ikollha post strutturali fil- "Platform Ewropew kontra l-Faqar" u din għadha tkun sostnuta bl-laqgħat fuq liveli nazzjonali u reġjonali bħala parti mill-istrategija għall-ġlieda kontra l-faqar.

## Messaġġi u proposti mill-workshops

*Sitt workshops simultanji matul din il-laqgħa, kollha ġabru parteċipanti sa minn sitt delegazzjonijiet nazzjonali kif ukoll numru ta' mistednin. Il-workshops kollha ndirizzaw it-tema tax-xogħol, ħidma u mpjiegi. Minn dak li ħareġ mir-rapporti tal-workshops, li ġej jgħin biex jiġbor il-valutazzjoni tad-dikkjarazzjonijiet u l-proposti skont it-temi u l-konklużjonijiet tal-mistednin li attendew din l-10 laqgħa ewropea*

### Xogħol ta' kwalita', salarju deċenti u drittijiet soċjali

Kulħadd għandu jkollu aċċess għal impjieg diċenti rrispettivament mit-tip ta' xogħol u l-livell Ewropew għandu jieħu wkoll r-responsabilita' u jistinka għall-impjiegi deċenti u sostenibbli.

**Il-proposti**
Skema ta' dħul minimu f'kull Stat Membru iżjed għolja mill-limitu ta' faqar, mingħajr diskriminazzjoni speċjalment relatata ma' l-eta' li tħallina ngħixu ħajja deċenti bbażata fuq indikaturi tal-basket tax-xiri tad-dar, iżda li jaħseb ukoll f'indikaturi oħra bħal ma' huma, aċċess għal l-edukazzjoni, telefon, internet u vjaġġjar.

L-implimentazzjoni tar-Rekomandazzjoni Ewropea fuq Inklużżjoni Attiva, li jindirizzaw it-tlett pilastri ta' dħul minimu adekwat (li jinkludi direttiva speċifika), aċċess għal servizzi ta' kwalita', u għajnuna għall-aċċess għal ħidma deċenti; dan għandu jsir b'mod integrat u li jiffoka biss fuq attivazzjoni.

- Benefiċċji soċjali xierqa għal persuni li ma jistgħux jaħdmu minħabba mard sever
- Tintemm d-diskriminazzjoni kulturali bejn impjiegi ta' ħilijet għolja u baxxi
- Tqajjem kuxjenza fuq xogħol u drittijiet soċjali u l-implimentazzjoni tagħhom
- Il-liberta' li tirrifjuta jew taċċetta l-impjiegi li jiġu proposti
- Regolamenti dwar il-kwalita' ta' xogħol u salarju ta' għixien għal ħaddiema u l-familji tagħhom
- Restrizzjonijiet fuq tipi abbużivi prekarji ta' impjieg
- Iżżomm livell ta' kontribuzzjoni għal għajnuna finanzjarja tas-sistema ta' protezzjoni soċjali
- Paga ndaqs għall-istess impjieg – sew jekk ix-xogħol jsir minn mara jew minn raġel
- Tikkonsidra dħul ta' salarji adekkwati mhux bħala piż lis-soċjeta' imma bħala investiment reali. Is-salarji għandhom jirrifflettu d-diffikulta' ta' l-impjieg.
- Ħolqien ta' opportunitajiet f'termini ta' mobilita', kura tat-tfal u aċċess għax-xogħol
- Sigurta' fix-xogħol, b'kuntratti fit-tul u protezzjoni tad-drittijiet tax-xogħol
- Tqiegħed fuq l-aġenda l-importanza tal-kwistjoni tax-xogħol il-foqra
- Tressaq proposti relatati ma' l-ekonomija moħbija
- Indikaturi tal-Livelli ta' Kwalita' għandhom jiġu żviluppati

### Edukazzjoni, taħriġ u tagħlim

Aċċess għad-drittijiet fundamentali għal kulħadd għandhom jinkludu xogħol, djar, edukazzjoni u taħriġ ..... id-delegati jikkonsidraw li l-edukazzjoni u t-taħriġ huma nieqsa jew inadekkwati speċjalment għal persuni bi bżonnijiet speċifiċi.

**Il-proposti:**

- Jingħelbu l-ostakoli għall-edukazzjoni u t-taħriġ
- Tiffaċilita' l-aċċess għall-informazzjoni u s-sapport
- Jissaħħaħ il-mekkaniżmu ta' moniteraġġ
- Tirrinforza l-għajnuna għal persuni li ma jistgħux ilaħqu d-dinja tax-xogħol

- Informazzjoni fuq d-drittijiet għal dawk kollha mingħajr impjieg
- Għajnuna finanzjarja għal dawk li qegħdin isegwu kors ta' taħriġ
- Rikonoxximent tal-kwalifiki
- Jieqaf il-qtuħ ta' finanzjament għall-iskejjel u l-edukazzjoni, osterita' jew le!
- Jitwaqqfu meżżi biex igħinu l-aċċess għax-xogħol li jinkludu servizzi bażiċi, djar, dħul adekkwat għal pajjizi kollha u dħul minimu għal dawk il-pajjiżi li għad ma' għandhomx dan.

**Servizzi ta' xogħol: opportunita' mitlufa?**

Ħafna delegati tkellmu dwar id-diffikultajiet tagħhom ma' l-aġenżiji tax-xogħol. L-esperjenza ta' dawn is-servizzi ta' sikwit huwa ta' xkiel iktar milli ta' għajnuna biex jinstab impjieg.

**Il-proposti**

- Servizzi ta' xogħol għandhom ikunu ta' għajnuna u mhux li jisfurzaw il-persuni f'taħriġ jew impjieg mhux adattat.
- Il-politika tal-impjiegi u servizzi għandhom ikunu magħrufa mill-persuni li qed ibatu l-faqar li għandhom jiġu kkunsidrati bħala esperti
- Tipprovdi sapport lill-NGOs u l-entrappriżi soċjali li jgħinu l-gruppi li huma esklużi mis-soċjeta' jsibu x-xogħol.

**Diskriminazzjoni: Ostaklu ewlieni għax-xogħol**

Għal ħafna delegati, d-diffikulta' ta' l-aċċess għax-xogħol hija ħafna drabi bbażata fuq diskriminazzjoni

**Il-proposti**

- Tieqaf l-istigmatizzazzjoni u d-diskriminazzjoni b'leġislazzjoni qawwija kontra d-diskriminazzjoni u li din trid tkun implimentata
- Servizzi ta' għajnuna personalizzata li tindirizza l-bżonnijiet speċifiċi u l-ostakoli tal-gruppi differenti
- L-inkluzzjoni ta' persuni b'diżabilita' fid-dinja tax-xogħol
- Sheltered workshops għal persuni li għandhom problemi ta' mard mentali
- Investiment fi skejjel u għajnuna lil dawk l-istudenti wara li jispiċċaw l-iskola
- Jieqfu l-qtuħ fil-fondi edukattivi sabiex isalvaw il-ħaddiema tal-futur u jinvestu f'Tagħlim Matul il-Ħajja

**Rikonċiljament tal-familja u l-ħajja tax-xogħol, carers u l-voluntiera**

Id-delegati tkellmu dwar in-nuqqas ta' għarfien ta' l-impatt li jġib miegħu n-nuqqas ta' xogħol fuq il-ħajja tal-familja u fuq id-diffikultajiet li jiffaċċjaw fl-aċċess, iż-żamma jew ir-ritorn għax-xogħol.

**Il-proposti**

- Sapport integrat tal-familji li jindirizzaw problemi ta' dħul finanzarju, servizzi ta' għajnuna u li jiżguraw id-drittijiet tat-tfal u tagħlim bikkri.
- Għajnuna għal-ġenituri billi jipprovdulhom edukazzjoni b'xejn u post għat-tfal kollha fejn ikunu ndukkrati.
- L-indukkrar għandu jitqies bħala investiment.
- Jinstab bilanċ bejn maternity leave u paternal leave sabiex iz-zewġ ġenituri jkunu jistgħu jmorru lura faċilment għax-xogħol.
- Provvediment ta' għajnuna lill-familji għan-nisa li jkollhom jaħdmu u jkollhom ukoll jieħdu ħsieb tat-tfal tagħhom, sabiex ma jkollhomx il-bżonn li jpoġġuhom fil-kura ta' ħaddieħor
- Tinkoraġġixxi lil dawk li jixtiequ jgħamlu xogħol volontarju, minflok li jikkreaw ostakoli addizzjonali bħal ma' huma kontroll, formuli u awtorizzazzjonijiet.
- Tibbaża l-kriterji tax-xogħol mhux biss fuq l-esperjenza professjonali izda ukoll fuq l-esperjenza volontarja.

**Id-dritt għad-dinjita'**

Il-punt tat-tluq għandu ikun ir-rispett għal persuna umana; persuni għandhom jiġu rikonoxxuti għal dak li huma u x'inhuma.

**Il-proposti:**
- Jingħata dinjita' għal kull kwalita' ta' xogħol.
- Appoġġ għal persuni b'diżabilita', sabiex ix-xogħol li jgħamlu l-ġenituri tagħhom minħabba l-kura li għandhom bżonn, għandha tkun meqjusa bħala 'impjieg'.
- Aċċess bla limitu għad-drittijiet fundamentali: djar, xogħol, kultura, dħul finanzjarju u saħħa.

**Il-kriżi**

"Persuni li qed ibatu l-faqar iħossu l-impatt tal-kriżi iktar qawwi mill-banek". Għalkemm issa hemm mira Ewropea biex jitnaqqas il-faqar, minħabba il-krizi, l-faqar qed jiżdiet.

**Il-proposti**
- Is-soluzzjoni ta' l-implikazzjonjiet soċjali tal-krizi għandha tkun fuq nett ta' l-aġenda
- Riforma soċjali – biex terġa twaqqaf is-sistema soċjali – ridistribuzzjoni tal-ġid - taxxi differenti għal gruppi differenti – setturi tan-negorzju għandhom jiġu solveljati iktar
- Tagħraf id-dejn bħala l- kawża ta' faqar moħbi.
- Tpoġġi l-bniedem bħala ċ-ċentru tal-irkupprar. Ewropa maqgħuda tista' tagħmel bidla għal Ewropa iktar soċjali
- Tranżazzjonijiet ta' taxxi finanzjari
- Ridistribuzzjoni tal-profitti tal-banek għal iktar soċjeta' wgwali
- Tieqaf is-sistema ta' riallokazzjoni
- Tieqaf il-kompetizzjoni u tagħraf is-solidarjeta'
- Aktar kooperazzjoni fid-dinja tax-xogħol globali

**Parteċipazzjoni**

Id-delegati u l-mistednin f'din il-laqgħa qabblu li l-vuċi tal-persuni li jbagħtu l-faqar għandha tiġi mismuha

**Il-proposti**
- Tassigura li l-laqgħat annwali Ewropej tal-persuni li jbatu l-faqar għandhom ikunu nkluzi fil-Platform kontra il-Faqar
- Jitwaqqfu regoli għal parteċipazzjoni fil-livelli kollha
- Il-parteċipazzjoni ma għandiex tkun biss dwar involviment; għandha tkun dwar il-kisbiet ta' riżultati

## Rispons mill-mistednin li ħadu sehem fil-workshops

### "Il-problema hi l-implimentazzjoni....."

Għalkemm din il-laqgħa ma kelliex numru kbir ta' mistednin, imma kellha l-ikbar varjazzjoni fost il-mistednin: MEPs, SPC, EMCO, Kummissjoni, amministraturi ..... din il-laqgħa kienet importanti ħafna minkejja li ma għandiex pożizzjoni strutturali.

Messaġġ ġenerali kien li "*ħafna delegati fil-fatt jaqblu ma' dak li ġie miftiehem formalment fuq livell Ewropew speċjalment ir-rakikomandazzjoni ta' Inklużżjoni Attiva, bit-tlett pilastri ta' dħul adekkwat, riżorsi, aċċess għad-dinja tax-xogħol, ekonomija soċjali u parteċipazzjoni f'soċjeta' bħala ċittadin attiv u aċċess għas -servizzi: kura tat-tfal, saħħa, djar u parteċipazzjoni ....... il-problema hija l-implimentazzjoni: irridu ngħamluha taħdem!"* Din tfakkar dak li ntqal waqt id-9 laqgħa ta' persuni li jbatu l-faqar, "*ma tistax tiekol karti".*

It-tieni punt huwa li l-impjieg huwa l-aħjar soluzzjoni fil-glieda kontra l-faqar, iżda ħafna mill-mistednin żiedu jgħidu: iva, imma mhux dejjem, l-importanza tal-kwalita' tal-impjieg, pagi deċenti u mpjiegi stabbli u l-importanza tal-bilanċ tal-ħajja tax-xogħol, għandha bżonn ta' miżuri biex ngħinu l-familji, per eżempju billi nipprovdulhom ċentri tal-kindergarten, imma għandhna niġġieldu kontra l-faqar fost it-tfal: għandna bżonn nħarsu lejn id-drittijiet tat-tfal.

Attenzjoni speċifika ġiet mgħotija lill-problema ta' diskriminazzjoni u esklużżjoni għall-persuni b'diżabilita', immigranti u Roma. Messaġġ ewlieni kien ukoll il-bżonn għal iktar solidarjeta' u distribuzzjoni ġusta tal-ġid u d-dħul finanzjajru fl-Ewropa. Ta' l-aħħar imma mhux l-inqas hija kruċjali li persuni li jbatu l-faqar jitħallew jitkellmu, li tismagħhom b'attenzjoni u tieħu l-opinjoni tagħhom b'serjeta'.

Suġġerimenti mill-mistednin

Kif kien mistenni kien hemm qbil fuq il-bżonn ta' implimentazzjoni reali tar-rakkomandazzjonijiet ta' inkluzzjoni attiva. Diversi mistendnin ipproponew li jizviluppaw qafas ta' direttiv sabiex jobbligaw kull pajjiz li jipprovdi riżorsi adewkwati (użu ta' livell ta' buġit), aċċess għad-dinja tax-xogħol, aċċess għas-servizzi (kindergarten għal kull tifel u tifla), kontinwazzjoni ta' bilanċ tax-xogħol matul il-hajja kif ukoll attenzjoni speċjali għal l-inklużżjoni attiva għal ġruppi mmirati (persuni b'diżabilita', persuni bi dħul baxx, immigranti), billi per eżempju postijiet tax-xogħol li jkunu sheltered, l-ekonomija soċjali, eċċ.

Suġġerimenti partikulari fuq l-implimentazzjoni tal-miri tal-EU2020 u speċjalment il-mira tal-faqar li tinkludi moniteraġġ strett u assessjar ta' miri nazzjonali fil-programmi tar-Riforma Nazzjonali, mplimentazzjoni reali tal-artiklu 9 tat-Trattat ta' Lisbona (assessessjar tal-impatt soċjali) u riċerka u dissiminazzjoni ta' prattiċi tajbin.

Dawn is-suġġerimenti huma ndirizzati lejn l-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni, l-kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, EMCO, l-Kunsill ta' l-Ewropa u l-imsieħba soċjali. Kull wieħed minn dawn għandu jerfa' r-responsabilta' tiegħu. L-aħħar u mhux l-inqas kulħadd jaqbel li l-konklużżjonijiet ta' din l-10 laqgħa għandhom jiġu mqassma ma' l-istituzzjonijiet Ewropej kollha tibda mill-Kummissjoni u l-Kunsill. "*Din il-laqgħa għandha ikollha post strutturali fil-Platform Ewropew kontra l-Faqar*"

Kummenti tal-mistendnin

Kull mistieden ikkommetta ruħu li jieħu l-esperjenza ta' din il-laqgħa, kif ukoll il-konklużżjonijiet, għal fuq ix-xogħol tiegħu sabiex it-talbiet jiġu mwettqa u biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonjiet. L-imsieħa soċjali kkommettew lilhom infushom sabiex isegwu u jassistu l-membri tagħhom fl-implimentazzjoni tal-ftehim tal-Qafas ta' l-imsieħba soċjali Ewropej fid-dinja tax-xogħol inklussiva. B'mod ġenerali din il-kwotazzjoni tagħti dak li kien qed jinħass minn kulħadd: "*jekk mhux għal ħaġ'oħra , il-workshop saħħaħ l-impenn tiegħi li nikkontribbwjixxi għal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużżjoni soċjali*".

***Rikonoxximenti***

Koordinattriċi : Miċheline GERONDAL
Rapport Finali: Pauline GEOGĦEGAN
L-ewwel paġna: Preżentazzjoni kreattiva mid-delegazzjoni tar-Renju Unit, disinn u produzzjoni ta' Migration Voiċe u ATD Fourth World

Din il-laqgħa kellha s-sapport tal-Kummissjoni Ewropea (PROGRESS PROGRAMME) u tal-Presidenza Ewropea Ungeriża. Il-fehmiet espressi f'dan ir-rapport fil-qosor ma jirriflettux il-fehmiet tal-Kummissjoni jew tal-Presidenza Ungeriża.